# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

| Marka |
|---|
| |

## EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2014/2015

IR-RABA' SENA | Studji Soċjali | ĦIN: siegħa u nofs

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** __________

L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet. L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

| Il-Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Marki | 10 | 25 | 25 | 15 | 25 | 100 |
| Il-Marki tal-istudent | | | | | | |

**TAQSIMA A**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. L-emigrazzjoni hija
a. meta persuna toħroġ minn pajjiżha
b. meta persuna tidħol f'pajjiż
c. meta persuna ssiefer bla passaport

2. L-immigrazzjoni hija
a. meta persuna toħroġ minn pajjiżha
b. meta persuna tidħol f'pajjiż
c. meta persuna ssiefer bla passaport

3. F'soċjeta' multikulturali nsibu
a. ħafna ġenn, taħwid u ġlied
b. drawwiet minn pajjiżi differenti
c. ħafna ikel u xorb

4. Illum il-ġurnata, il-ħajja
a. saret aktar kumplikata
b. saret aktar sempliċi
c. baqgħet l-istess

5. L-istil ta' ħajja tal-familja Maltija
a. dejjem jibqa' l-istess
b. jinbidel minn żmien għal żmien
c. hu li t-tfal jiġġieldu

6. Il-Prodott Gross Domestiku juri
a. l-pajjiż kif sejjer fl-ekonomija tiegħu
b. kemm aħna naħlu prodotti
c. li ssemma' leħnek biex tbiddel l-ideat tas-soċjeta'

7. L-eko turiżmu jinvolvi
a. ħafna infieq ta' flus
b. li persuna ssiefer fuq xogħol
c. turisti li japprezzaw in-natura

8. L-industrija tinvolvi
a. l-biedja, sajd u bini
b. ħafna magni fuq il-post tax-xogħol
c. li aħna nieħdu servizz

9. Is-settur kwaternarju tal-ekonomija jinvolvi
a. l-użu ta' magni fuq il-post tax-xogħol
b. bejgħ u xiri mingħand tal-ħwienet
c. r-riċerka li ssir f'soċjeta' moderna

10. Matul ħajtu, il-bniedem għandu
a. ħafna irwoli x'jaqdi
b. ħafna ħin x'jaħli
c. dmirijiet biss jew drittijiet biss

**10 marki**

**TAQSIMA B**

***Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.***

L-ekonomija hi attivita' maħluqa mill-bniedem biex jipproduċi prodotti u jagħti servizzi li jlaħħqu mal-ħtiġijiet essenzjali tal-ħajja. Eżempji ta' dawn huma ħwejjeġ, ikel, xorb, servizzi tas-saħħa. Fl-istess ħin l-ekonomija tipproduċi wkoll kumditajiet oħra bħal pereżempju televixins, karozzi, CD players u materjal ieħor li mingħajrhom xorta ngħaddu.

Silta addattata minn *Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjeta'* ta' Brian Chircop

1. Fisser it-terminu **ekonomija**.

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

b. Semmi **tliet** fatturi li huma importanti ħafna għall-ekonomija Maltija.

_______________________________________________

_______________________________________________(3)

2. L-ekonomija Maltija żviluppat minn ekonomija li tiddependi biss minn gżira-fortizza għal ekonomija diversifikata. Spjega din is-sentenza.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(3)

3. Fis-snin ta' wara t-tieni gwerra dinjija, Malta għaddiet mir-rundown tas-servizzi Ingliżi. Semmi **żewġ** effetti ta' dan.

a. _______________________________________________

b. _______________________________________________(2)

4. Fisser id-differenza bejn is-**settur primarju** u s-**settur sekondarju** tax-xogħol.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(4)

5. L-industrijalizzazzjoni ġabet magħha diversi vantaġġi kif ukoll żvantaġġi. Semmi **żewġ vantaġġi** u **żewġ żvantaġġi** tal-industrijalizzazzjoni.

Vantaġġi

a. _______________________________________________

b. _______________________________________________(2)

Żvantaġġi

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________(2)

6. F'Malta, liema hu s-settur li fih insibu l-akbar numru ta' ħaddiema? Spjega liema xogħolijiet insibu f'dan is-settur.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(1,2)

7. Parti mill-ekonomija Maltija tiddependi mill-importazzjoni u esportazzjoni ta' prodotti.

a. Xi tfisser importazzjoni? Semmi prodott li jiġi importat f'Malta.

______________________________________________

______________________________________________(2)

b. Xi tfisser esportazzjoni? Semmi prodotti li jiġi esportat minn Malta.

______________________________________________

______________________________________________(2)

**TAQSIMA Ċ**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA fid-dettall.**

1. X'inhi l-immigrazzjoni irregolari?

______________________________________________

______________________________________________(1)

b. Semmi **żewġ** effetti pożittivi tal-immigrazzjoni.

(i) ______________________________________________

(ii)______________________________________________(2)

c. Semmi **żewġ** effetti negattivi tal-immigrazzjoni.

(i)______________________________________________

(ii)______________________________________________(2)

2. X'inhi **soċjeta' multikulturali**?

______________________________________________

______________________________________________(2)

b. Semmi **tliet** drawwiet multikulturali li nsibu f'pajjiżna.

(i) ______________________________________________

(ii) ______________________________________________

(iii)______________________________________________(3)

3. Semmi u spjega **ħames** tipi differenti ta' divertiment mill-kultura lokali.

(i)________________________________________

(ii)________________________________________

(iii)_______________________________________

(iv)________________________________________

(v)______________________________________(5)

4. *L-istil ta' ħajja tal-lum sar differenti u aktar kompless minn dak tal-imgħoddi.* Spjega din is-sentenza.

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

________________________________________(5)

5. Spjega kif il-mass media qed taffettwa liż-żgħażagħ Maltin?

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

________________________________________(5)

## TAQSIMA D

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u fuq FULLSCAP ikteb paragrafu dwaru ta' madwar 150 kelma.**

1. Il-mass midja, l-emigrazzjoni u t-turiżmu lkoll affetwaw l-istil ta' ħajja tal-Maltin. Kif?

2. Żoni industrijali – X'inhuma l-effetti tal-industrija fuq l-ambjent?

3. L-ekonomija Maltija hija waħda mħallta iżda din mhix l-unika tip ta' ekonomija li nsibu f'pajjiżi madwar id-dinja. Iddiskuti.

**15-il marka**

Numru tal-Paragrafu: _____

## TAQSIMA E

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u fuq FULLSCAP ikteb komponiment dwaru f'madwar 220-250 kelma.**

1. L-industrijalizzazzjoni ġabet magħha bidla fis-soċjetajiet. Fisser x'inhi industrijalizzazzjoni u spjega x'bidliet ġabet magħha.
2. Illum f'soċjetajiet żviluppati nsibu erba' setturi tax-xogħol, uħud aktar importanti minn oħrajn għall-ekonomija. Ikteb dwar dawn is-setturi u uri li taf id-differenza fl-importanza ta' dawn is-setturi skont il-grad ta' żvilupp li l-pajjiż ikun laħaq.
3. Spjega x'inhi l-immigrazzjoni illegali. Għaliex isseħħ u x'effetti tħalli fuq pajjiż bħal Malta?

**25 marka**

Numru tal-Komponiment: _____